MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2010

Appell Civili Numru. 37/1998/1

**Maria mart Michael Fiteni, f'isimha proprju u bħala mandatarja ta' oħtha msiefra Antonia Apap; u Mons. Gregory Grech**

**v.**

**Ta' Frenc Real Estate Company Limited u b'digriet tal-24 ta' Frar 1998, Angelo Cefai ġie nominat kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-imsiefer Peter McCann u għal kull interess li jista' jkollu r-Reġistratur tal-Artijiet**

**Il-Qorti,**

## Preliminari

Dawn huma żewġ appelli ad istanza ta’ Angelo Cefai bħala rappreżentant ta’ Peter McCann, u tas-soċjeta` konvenuta Ta’ Frenc Real Estate Co Ltd. Angelo Cefai nomine qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok tilqa’ l-eċċezzjonijiet tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati. Is-soċjeta` Ta’ Frenc Real Estate Co Ltd, min-naħa tagħha qed titlob lil din il-Qorti (i) tiddikjara s-sentenza appellata bħala nulla u konsegwentement tirrimetti l-atti lura lill-ewwel Qorti biex tieħu deċiżjoni fiha mill-ġdid jew inkella tiddeċiedi l-każ fuq il-mertu mill-ġdid din il-Qorti tal-Appell stess, u (2) f’każ li tiċħad l-ewwel aggravju dwar in-nullita` tas-sentenza appellata, tiċħad it-talbiet attriċi fil-konfront ta’ Ta’ Frenc Real Estate Co Ltd bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellanti.

## Ezami tal-Atti tal-Proċess:

Għall-finijiet ta’ dan l-appell jirriżulta li l-provi prodotti jikkonsistu fis-segwenti:

(1) il-provi tal-partijiet relattivi għal din il-kawża possessorja (Ċit. Nru. 37/98);

(2) il-provi miġbura fl-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni fl-istess ismijiet (Nru. 3/98) peress li skont il-verbal tad-19 ta’ Novembru 1998 kienet intlaqgħet talba sabiex il-proċess tal-mandat ta’ inibizzjoni jiġi allegat ma’ l-atti tal-kawża odjerna[1];

(3) il-provi miġbura fl-atti tal-kawża petitorja 20/01 fl-ismijiet inversi, peress li skont il-verbal tal-1 ta’ Diċembru 1998 il-partijiet qablu li x-xhieda u dokumenti prodotti fiż-żewġ kawżi għandhom jgħoddu għal xulxin[2].

[1] Fol 73
[2] Fol 123

Fil-kors tal-ezami, kemm tal-atti tal-kawża odjerna kif ukoll tal-mandat ta’ inibizzjoni u tal-kawża bl-ismijiet inversi, lil din il-Qorti rriżultalha li fis-seduta tat-18 ta’ Ġunju 1998 kien xehed certu <u>Joseph Grech</u>. F’kull wieħed mit-tlett proċessi surreferiti fil-fatt hemm xi tip ta’ riferenza għal din ix-xhieda u preċiżament fl-atti li ġejjin:

“(i) Fin-nota ta’ Osservazzjonijiet tal-atturi tat-2 ta’ Novembru 2006 fl-atti tal-kawża odjerna[3],

“(ii) fin-Nota ta’ Osservazzjonijiet tal-konvenuti Ta’ Frenc Real Estate Co. Ltd u Ralph Wallace Mitchell u Beryl Patricia Simpson tal-24 ta’ Jannar 2007 fl-atti tal-kawża odjerna[4],

“(iii) fir-Rikors tal-Appell ta’ Angelo Cefai nomine u fir-Rikors tal-Appell ta’ Ta’ Frenc Real Estate Co. Ltd, fl-atti tal-kawża tal-appell odjern[5],

“(iv) fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet ta’ Angelo Cefai nomine tat-12 ta’ Diċembru 2006 fil-kawża l-oħra 20/01[6],

“(v) fin-nota tal-intimati tal-25 ta’ Awwissu 1998 fl-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni Nru 3/98[7].”
Jirriżulta inoltre illi fit-28 ta’ Mejju 1998 fl-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 3/98 kien ġie verbalizzat[8] li l-Qorti kienet laqgħet talba biex jiġi nominat Maġistrat Supplenti biex jisma’ lil dan ix-xhud Joseph Grech minħabba infermita`

---

[3] Fol 157 tal-atti tal-kawża Nru 37/98

[4] Fol 172 tal-atti tal-kawża Nru 37/98

*[Inċidentalment għalkemm in-nota ta’ osservazzjonijiet ġiet ippreżentata mill-konvenuti “Ta’ Frenc Real Estate Company Ltd ta’ 11, Triq il-Kapuċċini, Rabat, Għawdex, u Ralph Wallace Mitchell u Beryl Patricia Simpson ta’ 15/16, Triq Pejpu, Kerċem, Għawdex” il-konjuġi Mitchell u Simpson qatt ma assumew l-atti ta’ din il-kawża.]*

[5] Fol 8 u fol 25 tal-atti tal-Appell Nru 37/98, rispettivament

[6] Fol 116 tal-atti tal-kawża Nru. 20/01

[7] Fol 79 tal-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni.

[8] Fol 27 tal-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni

fiżika, iżda l-ebda traskrizzjoni ta’ xhieda min-naħa tiegħu ma tidher fl-atti tal-istess mandat, u lanqas ma jidher li din id-deposizzjoni ġiet inserita f’xi wieħed miż-żewġ proċessi l-oħra.

Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti jidrhilha li jkun opportun u meħtieġ li din id-deposizzjoni tal-imsemmi John Grech tiġi infilzata debitament fl-atti tal-appell.

Għalhekk hija qegħda tiddekreta u tordna li ġej:

1). Fl-ewwel lok, qegħda tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza sakemm dak li ġie ddekretat mill-Qorti jiġi osservat u għalhekk qegħda tħalli l-appell għal data oħra għal dan il-fini;

2) tordna li r-Reġistratur jara’ kif jirrintraċċja l-imsemmija depożizzjoni mogħtija minn John Grech kif fuq ingħad;

3) tagħti fakolta` lill-partijiet li, biex jiffaċilitaw ix-xogħol tal-Qorti, jesebixxu konġuntement b’nota, kopja fidila tal-istess deposizzjoni, fil-każ li r-Reġistratur ma jkunx irnexxilu jirrintraċċja t-traskrizzjoni tax-xhieda ta’ John Grech fi żmien ħmistax-il jum min-notifika ta’ dan id-digriet;

4) tordna notifika immedjata ta’ dan id-digriet lir-Reġistratur, Qrati u Tribunali, f’Ghawdex.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------